# Dawk il-Graffiti!

**Philip Xuereb**

**Graffiti u taħżiż ieħor ta' interess mal-Bażilika ta' Santa Liena, mal-Knisja l-Qadima u fi nħawi oħra.**

Qisu f'dawn l-aħħar ħames snin, f'pajjiżna qam bħal interess fil-graffiti, jew dak il-grif b'disinni jew xbihat fil-ġebla, aktarx ta' xi biċċiet tal-baħar bil-qlugħ, li wieħed jista' jara ma' ċertu bini, aktarx fuq barra. Dan l-interess fil-fatt kien wassal għall-kitba ta' xi artikli f'gazzetti u perjodiċi lokali fuq is-suġġett. Li kien hemm min, għal xi raġuni jew oħra, naqax sinjali jew figuri fil-blat jew fil-ġebel hija xi ħaġa li tmur lura sew fiż-żmien u f'diversi pajjiżi u ċiviltajiet differenti. Iżda biex insemmu pajjiżna biss, instabu graffiti ma' monumenti megalitiċi u wkoll f'kuntest paleo-kristjan bħal f'San Pawl Milqi, f' Burmarrad u ta' l-Abatija tad-Dejr fir-Rabat.

Jeżistu wkoll f'Malta graffiti aktarx medjevali bħal dawk li hemm fil-kappella tal-Lunzjata ta' Ħal-Millieri. Hawnhekk barra minn għadd ta' disinni geometriċi hemm xbihat ta' rikkieba fuq iż-żwiemel u oħra ta' San Ġorġ jiġġieled mad-Dragun.Wieħed irid jgħid li l-ġebla tal-franka lokali li komunement tintuża għall-bini għax hija ratba biex tinħadem u jsirilha lavur, tappresta ruħha tajjeb biex fuqha jsiru graffiti. Ħafna drabi dan jgħodd ukoll meta jkunu għaddew minn fuqha għadd ta' snin li fihom kienet tkun esposta għall-elementi u tkun rabbiet fuqha dik i-ispeċi ta' qoxra.

Insibu wkoll l-użu li baqa' tista' tgħid sal-bieraħ, anzi sa llum ta' min jesprimi x-xewqa li jħalli tifkira tiegħu f'xi post



fejn ikun mar, billi jonqox jew iħażżeż ismu ma' xi ħajt. Hekk ngħidu aħna l-faċċata tas-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, li ż-żewġ naħat tagħha ġew qishom il-paġni ta' xi visitors' book fejn fost l-oħrajn issib il-firma tal-pittur Ġużeppi Calì. Dan l-istess pittur naqax il-firma tiegħu f' żewġ inħawi fil-Bażilika ta' Santa Liena, possibbilment meta kien qed ipitter l-abside fl-1885.

## BIĊĊIET TAL-BAĦAR

Iżda jeżistu bosta nħawi oħra fejn hemm graffiti, li l-biċċa l-kbira minnhom juru bċejjeċ tal-baħar ta' tipoloġija varja, imxerrdin 'l hawn u 'l hemm maż-żewġ gżejjer, li huma aktar reċenti fiż-żmien. Aktarx li dawn setgħu saru bejn is-seklu sbatax u l-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Forsi jista' jkun xi espert ta' l-istorja marittima li middettalji mogħtija f'xi wħud mill-graffiti, jagħtihom datazzjoni aktar preċiża.

Fil-kitbiet li dehru s'issa fl-istampa ġeneralment tingħata r-raġuni li dawn

setgħu saru bħala ex-voto jew tifkira ta' tiżżija ta' ħajr minn xi baħħara, li jkunu reġgħu lura fil-gżira qawwijin u sħaħ wara xi diżgrazzja dew diżavventura waqt tbaħħir. Dan għax ħafna minn dawn il-graffiti ta' xwieni jinsabu ma' knejjes, aktarx mal-ħitan ta' barra. Biss ninnotaw li dawn mhux dejjem jinsabu f'post prominenti, bħal ngħidu aħna l-faċċata, fejn min ikun dieħel jista' jaraħom.

Aktarx ukoll li ma ssib ebda ħjiel ieħor, imqar data, li tista' tfakkar okkorrenza partikulari. Rarament wieħed jista' jieħu spunt minn xi bandiera li fiha jkun jista' jidentifika l-arma ta' xi Grammastru partikulari. Aktar komuni s-salib bi tmien ponot jew l-istandard aħmar bis-salib abjad ta' l-Ordni.

Fost il-bosta knejjes li wieħed jista' jsib graffiti, l-aktar ta' xwieni, mal-ħitan ta' barra tagħhom nistgħu nsemmu l-Knisja l-Qadima, il-knisja l-qadima taż-Żejtun (ta' San Girgor), San Pawl tal-Qlejgħa (mibnija fl-1690) fil-limiti tal-Mosta, il-Kunċizzjoni (mibnija fi żmien il-Grammastru Vilhena) u dik ta' San Blas (mibnija fl-1692) fil-limiti tar-Rabat u mal-knisja ta' Santu Rokku f'Ħal Balzan.

**FIL-KNISJA L-QADIMA**

Issa jidher li l-graffiti li hemm mal-ħitan ta' dawn il-knejjes huma kollha fi nħawi li minn dejjem kienu faċilment aċċessibbli għan-nies li kienu jiffrekwentaw dik il-knisja. Mhux hekk fil-każ tal-Knisja l-Qadima, għaliex hawn il-graffiti jinsabu mal-ħajt tas-sagristija tan-naħa tan-nofs inhar, li sa ftit snin ilu biss kien għadu magħluq fil-ġnien jew parti miċ-ċimiteru li kien hemm wara d-dar tal-kappillan li



Knisja l-Qadima: Frejgata tas-seklu tmintax jew Third Rate - ship-of-the-line li kienu introdotti fil-flotta ta' l-Ordni mill-G.M. Perellos fl-1700.

tneħħiet fl-aħħar tas-snin tmenin. Waqt li oħrajn qegħdin fil-kampnar.

Il-graffiti li hemm mal-Knisja l-Qadima juru diversi tipi ta' xwieni. Fost dawn dawk li jidhru li huma brigantini tas-sekli sbatax u tmintax u ships of the line. Il-linja ta' barra ta' wieħed minn dawn ix-xwieni, forsi biex tinqala' aktar, hija punteġġjata b'toqob qrib xulxin, forsi magħmulin bil-ponta ta' sikkina jew xi temprin. Hdejn ix-xbieha li tista' tkun ta' ship of the line, Iżda li hija rozza ħafna hemm id-data 1734. F'din is-sena il-Knisja l-Qadima kienet għadha fl-aqwa tagħha, għakemm diġà kien fi stadju avvanzat il-bini tal-knisja l-ġdida ta' Santa Liena. Hdax-il sena wara biss il-Knisja l-Qadima kellha tintelaq għal riħha.

Issa dan l-aħħar intqal li dawn il-graffiti tal-Knisja l-Qadima għandhom xi erba' mitt sena, li jiġi daqs għaxar snin qabel ma bdiet tinbena l-istess knisja nnifisha. Intqal ukoll li saru minn sajjieda li fis-sajf kienu jkunu fuq il-mestier tagħhom u fix-xitwa kienu jaħdmu fuq il-lant tal-ġebel hawnhekk. Għal darb'oħra, skond min kiteb jew min tah l-informazzjoni, dawn il-graffiti

kienu ex-voto ta' dawn is-sajjieda li setgħu rrikorrew lejn il-madonna waqt xi saram li setgħu ħabbtu wiċċhom miegħu waqt xogħolhom fuq il-baħar.

L-ewwelnett, dawn il-graffiti ma nstabux dan l-aħħar, għax ilhom magħrufin għallenqas minn kemm ilu jsir ir-restawr, u xi snin ilu wkoll kienu s-suġġett ta' artiklu f'rivista lokali ta' nhar ta' Ħadd, għalkemm fih l-awtur ma svelax il-post. Imbagħad huma aktar tard minn kemm intqal, għax is-sagristijiet tal-Knisja l-Qadima, billi dawn jinsabu mal-ħajt ta' barra ta' waħda minnhom, ma kinux fost l-ewwel partijiet tal-Knisja l-Qadima li telgħu. U l-kampnar, fejn ukoll hemm graffiti, kien l-aħħar struttura nett li saret bejn l-1673 u l-1679. Imbagħad, għalkemm din tista' tkun koinċidenza, ħdejn wieħed mill-graffiti mas-sagristija hemm l-annu 1734. Xejn konklussiv. Imma!

It-tieni, l-biċċiet tal-baħar li juru dawn il-graffiti mhumiex dgħajjes tas-sajd, imma galeri jew xwieni militari simili li kienu jintużaw mill-Ordni ta' San Ġwann jew minn armaturi privati għall-kors. Mill-banda l-oħra għaliex kellhom ikunu sajjieda u mhux bdiewa, jekk kellhom ikunu xi ħaġa oħra, l-bennejja tal-Knisja l-Qadima? Għalkemm hu veru li fil-parroċċa ta' Birkirkara kien hemm komunitaċ ta' sajjieda, madankollu l-biċċa l-kbira ħafna tan-nies kienu bdiewa. Jerġa', insibu graffiti ta' xwieni ma' knejjes li fejn qegħdin ma tissoponix li qatt seta' kien hemm komunita' ta' sajjieda. Fost dawn il-knisja ta' San Blas ta' taħt il-Buskett u dik tal-Kunċizzjoni ta' Wied Gerżuma, fil-limiti tar-Rabat.

Imbagħad, l-ex-voto kien isir bħala xhieda u ringrazzjament li kemm jista' jkun idum fil-ġejjieni, speċi ta' ad perpetuam rei memoriam. Irid jibqa' jxandar il-favur li kien ingħata u allura jkun kemm jista' jkun fejn jidher ħalli jgħaddi l-messaġġ ta' min ikun għamlu, U kemm jista' jkun il-messaġġ irid ikun imfisser sew fih. Anke l-ex-voto mpittrin l-aktar antiki jagħmlu dan bix-xbieha u mhux bil-kitba, li ma kienx ikun fihom. Għalhekk ma jidhirx li dawn il-graffiti, huma fejn huma, għandhom dan ir-rekwiżit ta' l-ex voto veru u proprju.

Irid jingħad ukoll li talbiet jew wegħdiet li mbagħad iwasslu għal ex-voto, ġeneralment kienu jsiru ma' xbihat qaddisa jew santwarji magħrufin, fejn tidher aktar, skond il-ħsieb u t-twemmin popolari, l-interċessjoni tal-Madonna jew qaddisin oħra ma' Alla, biex jinqalgħu grazzji. Issa la l-Knisja l-Qadima u l-anqas Santa Liena ma jidher li qatt kellhomx din il-prerogattiva. Waqt li l-knisja tal-Madonna tal-Ħerba diġà kellha dil-fama sa minn qabel ma bdiet tinbena l-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija.

**MHUX FI KNEJJES BISS**

Issa rridu ngħidu wkoll li barra mill-knejjes, jinsabu graffiti f'bosta tipi ta' siti li mgħandhom xejn x'jaqsmu ma' kult. Hekk jinsabu graffiti ta' xwieni fil-ħabs ta' l-Inkwiżitur fil-Birgu u f'dak li kien restawrat fl-1996 fiċ-Ċittadella ta' Għawdex. F'dan l-aħħar post fil-fatt, ħdejn wieħed mix-xwieni hemm id-data 1638. Jerġa' f'dan l-aħħar post xi graffiti mhumiex fiċ-ċelel infushom, iżda 'l barra minnhom. Għalhekk jista jagħti l-każ li jekk dawk ta' ġoċ-ċelel saru mill-priġunieri maqfulin fihom, dawk li mhumiex ġoċ-ċelel setgħu saru wkoll minn ħaddieħor, ngħidu aħna l-għassiesa tal-post.

Jinsabu graffiti f'wieħed mill-passaġġi ta' bejn il-btieħi tal-palazz

ta' Sant'Anton, qrib il-kappella. Hawn fost l-oħrajn jinsabu xbihat ta' suldati u ta' kanun. Hemm graffiti mas-salib fil-pjazza ewlenija ta' Ħaż-Żebbuġ. Wieħed għandu mnejn jiltaqa' magħhom ma' xi djar privati fost l-oħrajn f'Ħal Qormi u anke fl-intrata ta' dar li qabel kienet mitħna fi Triq San Ġiljan f'Birkirkara (seklu dsatax). Inkella dawk li hemm fill-kamra laterali fuq ix-xellug ta' l-intrata, f'dik li għadha magħrufa bħala d-dar tas-sindku fi Triq San Luqa ż-Żurrieq, dar tas-seklu tmintax, illum il-Museum tas-subien. Dawn huma aktarx ships of the line u wieħed mhux rappreżentat mill-ġenb kif soltu, imma mill-poppa Aktar reċenti għandhom ikunu l-graffiti li hemm mal-Victoria Gate, il-Belt li juru xi dreadnaught tal-qawwa navali imperjali Ingliża, aktarx tal-bidu tas-seklu għoxrin.

## FI TRIQ IT-TORRI

Imbagħad f'Birkirkara stess hemm għadd ta' graffiti ta' xwieni ma' razzett, li sal-lum għadu hemm u għada ma nafx, li jinsab fi Triq it-Torri kantuniera ma dak li kien sqaq li llum jieħu għaċ-ċentru pastorali li għadu kif inbena. Hawn, uħud mill-graffiti jinsabu fil-faċċata, fil-kantuniera sew, u aktarx mgħottijin bit-tibjid. Hemm oħrajn ukoll fil-bidu ta' l-isqaq, u hawn wieħed minnhom hu ta' daqs konsiderevoli, għax mifrux fuq ħames knaten. Juri galera bl-imqadef u bi tliet arbli bil-qlugħ latini.

Mal-faċċata wkoll hemm għamla ta' vaxxell kbir, fuq diversi knaten, iżda in parti mgħotti bit-tibjid. Tidher il-parti tal-poppa bl-aħħar arblu b'żewġt iqlugħ kwadri fuq xulxin in-naħa ta' fuq u ieħor latin taħt u r-rigging bħal xibka tiela' għal miegħu. Tidher ukoll il-parti ta' fuq ta' l-arblu tan-nofs b'xi tlitt iqlugħ kwadri fuq xulxin. Minn dak li għadu jidher minnu aktarx li juri xi ship of the line bħalma kien introduċa l-Grammastru Perellos fl-1700. Ħasra li ċ-ċirkustanzi li jinsab fih dar-razzett huma prekarji u d-daqqa tal-mewt tiegħu ma jidhirx li hija 'l bogħod. Għalhekk forsi ta' min jinnota dawn il-graffiti u b'xi mod isalvahom. Forsi turi interess l-Awtorità ta' l-Ippjanar jew inkella l-Kunsill Lokali. Għalkemm kif jgħidu, ma tistax twaqqaf il-progress, dawn jistgħu jiġu dokumentati u eventwalment il-knaten bil-graffiti jiġu salvati u eventwalment esposti xi mkien xieraq.

## FIL-BAŻILIKA TA' S. LIENA

F'din il-bażilika l-graffiti ma jinsabux in-naħa t'isfel. Jista' jkun għax jekk kien hemm fil-faċċata dawn spiċċaw bil-kisi ta' din il-parti tal-faċċata meta rranġaw iz-zuntier fl-1953, waqt li l-bqija tad-dawra kien magħluq fi propjetajiet privati li kienu jmissu magħha sa fis-snin sebgħin tas-seklu li għadda. Għalhekk il-graffiti jinsabu fuq il-bjut tal-kuppletti, fuq il-bejt ewlieni u f'wieħed mill-kampnari.Ħafna minnhom bħalma semmejna huma ismijiet jew firem personali ta' min xi darba jew oħra sab ruħu hemm fuq. Fost dawn dik ta' Calì fuq il-koppletta tad-Duluri, jew inkella l-ismijiet tat-tliet ħaddiema:

Francesco Busuttil Salvator Farrugia ed Antonio Farrugia scolpirono questa chiesa li 7 ottobre 1885

Dawn kienu għamlu xogħol ta' skultura fil-knisja bejn l-1885 u l-1895. Antonio kien iffirma wkoll għalih waħdu darbtejn oħra. F'waħda jagħti d-data tat-3 ta' Lulju 1885 u fl-oħra dik tal-5 ta' Novembru 1889. Dawn jinsabu fil-passaġġi li mill-koppletti ta' San

Ġużepp jagħtu għal dawk taċ-Ċintura u tal-Lunzjata. Fil-kuppletta tal-lunzjata, taħt il-kampnar, hemm ukoll din il-kitba li mhix ċara għal kollox:

Salvatore Mallia Alessio Mallia tagliato (?) la chiesa 1889

F'din ta' l-aħħar hemm ukoll kitba-graffit, mitfija ħafna, dwar xi materjal li xi ħadd kien ġarr u aktarx ukoll ta, f'xi wieħed mill-istadji ta' bini tal-knisja:

Giuseppe De(?) ha portato della faxxina(sic) 3 tumoli di calcina e altro(?) di rame e ossoe delle quali non volio(?) niente di 2 altri voleva il pagamento adesso io fatto il pagamento Io . . . . . (?) soldi perche voleva esito

Fil-fatt huwa fuq dawn it-tliet kuppletti, li jħarsu lejn il-Lvant u lejn Marsamxett u l-Belt, l-aktar li hemm graffiti, speċjalment ta' xwieni. Fuq in-naħa l-oħra kulma hemm tliet graffiti ta' xwieni biss u arloġġ tax-xemx li juri s-sigħat bejn it-tmienja ta' fil-għodu u l-ħamsa ta' fil-għaxija. Fin-naħa tal-Lvant imma hemm xi 26 ġifen ta' diversi tipi, uħud magħmulin b' ċerta reqqa waqt waqt li oħrajn donnhom skizzi ħfief. Hemm xi skizzi ħfief oħra mal-kampnar ta' din l-istess naħa, minn barra n-naħa tal-frontispizju. Filwaqt li fil-kampnar l-ieħor, tal-qanpiena l-kbira, hemm vaxxell fil-parti ta' fuqnett tat-taraġ. Ħasra li dan tbajjad fuqu kemm-il darba. Interessanti wkoll li fil-kuppletta tad-Duluri hemm graffit li juri vaxxell bil-qlugħ kwadri, b'aktar minn arblu wieħed, muri dritt minn quddiem u mhux mill-ġenb kif soltu.

Fuq il-bjut ta' dawn il-kuppletti hemm ukoll fost l-oħrajn bandiera tal-Grammastru Hompesch ħdejn it-tieqa tal-kappellun, qrib il-passaġġ bejn dik taċ-¬intura u ta' San Ġużepp hemm żewġ skizzi żgħar juru lil Santa Liena, u hawn wieħed irid jgħid barra minn fuqha! U hemm ukoll skizz approssimattiv tal-faċċata tal-knisja nnifisha. Ma naħsibx li dan l-aħħar skizz hu antik ħafna. U jekk niftakar sew, meta rajtu l-ewwel darba fis-snin sittin, kien jidher ġdid ħdejn il-graffiti oħra.

Issa meta wieħed iqis il-post fejn qegħdin dawn il-graffiti fuq il-knisja ta' Santa Liena, kif ukoll dawk, għalkemm ħafna minnhom isfel, fil-Knisja l-Qadima, u meta wieħed iqis li hemm graffiti ta' xwieni wkoll ma' postijet li b'ebda mod marbutin ma' kult, kif semmejna, ma nafx kemm wieħed jista' jgħid li dawn kienu jsiru bħala speċi ta' ex voto. Imma mill-banda l-oħra meta wieħed iqis ukoll il-pożizzjoni tar-razzett imsemmi aktar 'il fuq u anke n-naħa ta' fejn jinsabu l-aktar il-graffiti fuq il-bażilika ta' Santa Liena, wieħed jingħata aktar għax jaħseb li dawn setgħu saru minn nies li kienu jintbagħtu għassa f'dawk il-postijiet. Li knejjes kienu jintużaw bħala post għall-għassa, sa minn qabel ma ġew il-Kavallieri f'Malta, hu fatt magħruf.

Fil-każ tal-knisja ta' Santa Liena, hu magħruf ukoll li Vincenzo Borg kien iqiegħed nies għassa fuq din il-knisja fiż-żmien ta' l-Imblokk tal-Franċiżi. Din l-għassa kienet strumentali ħafna nhar id-9 ta' Settembru 1798 meta l-Franċiżi għamlu sortita mill-Forti Manoel għal fuq il-Kamp f'Tal-Għargħar. Is-sortita kienet waħda qawwija u rnexxielhom jidħlu ħafna 'l ġewwa. Imma n-nies għassa fuq il-knisja daqqew il-qniepen għan-nafra, inġabru n-nies bl-armi u marru jgħinu lil sħabhom Karkariżi u żammew lis-suldati Franċiżi għal tliet sigħat sakemm sakemm intbagħtet l-għajnuna mill-Kamp ewlieni ta' San Ġużepp li ġabet lill-Franċiżi bejn żewġ

nirien u treġġgħu lura.

Għaliex, jekk inhu hekk, l-għassiesa kienu jagħmlu graffiti ta' xwieni. Ir-raġunijiet hawn ukoll jistgħu jkunu varji. Jista' jkun li għamlu graffiti ta' xi biċċiet tal-baħar li kienu sorġuti jew ankrati xi mkien fejn kienu jidhru minn fejn kienu jkunu għassa. Imma f'każi oħra jista' jkun li għamlu graffiti ta' xi mirkeb li fuqu xtaqu li kienu jbaħħru, jew inkella ħażżew b'sens ta' nostalġija xi mirkeb li kienu baħħru fuqu qabel. Konġetturi tabilħaqq, imma possibbli.

Bibljografija:

Bonnici A., The Inquisition in Malta (7), f'Civilisation (part series); Buhagiar M., Medieval churches in Malta f' Malta in Medieval Malta (1975); Gambin T., Marinet Graffiti f'Sunday Circle, Ġunju 1996; Muscat J., The Maltese Galley (1998); Graffiti Marittimi f'In-Nazzjon, 12.5.1997; Prins A.H.J., In Peril On the Sea (1989); Scicluna G., Kollezzjoni Unika ta' Graffiti..., f' In-Nazzjon 5.10.1996; Vella E.B., Storja ta' Birkirkara (1934); Bicker K., 400-Year Old Graffiti Discovered On Church Wall, The Times, 1.12..2001



Akkademja Mużika Letterarja
F'okkażjoni 375 tal-ewwel Kolleġġjata fil-Gżejjer Maltin
(Direzzjoni Maestro Carmel Grech)